

32003R0142

28.1.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 23/9

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 142/2003**tas-27 ta' Jannar 2003****li jtemm il-proċeduri ta' salvagwardja għal ċerti prodotti tal-azzar u li tiddisponi għar-rifużjoni ta' ċerti dazji**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkonsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkonsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3285/94 tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar ir-regoli komuni għall-importi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 518/94 ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2474/2000 ⁽²⁾, u in partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Wara li kkonsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 519/94 tas-7 ta' Marzu 1994 dwar ir-regoli komuni għall-importi minn ċerti pajjiżi terzi u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 1765/82, (KEE) Nru 1766/82 u (KEE) 3420/83 ⁽³⁾, kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 1138/98 ⁽⁴⁾, u in partikolari l-Artikolu 6 tiegħu,

Wara konsultazzjonijiet mal-Kumitat ta' Konsulenza stabbilit skond l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 3285/94 u tar-Regolament (KE) Nru 519/94 rispettivament,

Billi:

PROĊEDURA

- (1) Fis-6 ta' Marzu 2002, ċerti Stati Membri ("l-Istati Membri interessati") informaw il-Kummissjoni li t-tendenzi fl-importi kienu jsejħu għal miżuri ta' salvagwardja, ressu informazzjoni li kien fiha l-evidenza disponibbli kif determinata fuq il-bażi tal-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 3285/94 u l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 519/94, u talbu lil Kummissjoni timponi miżuri ta' salvagwardja proviżorji u biex tibda investigazzjoni ta' salvagwardja.
- (2) Skond l-Istati Membri interessati kien hemm żieda reċenti sostanzjali fl-importazzjoni ta' ċerti prodotti tal-azzar u li l-egħluq tas-suq tal-Istati Uniti tal-Amerika b'riżultat tal-miżuri ta' difiża kummerċjali tal-Istati Uniti mhux talli ċaħħad sostanzjalment lil produttori Komunitarji minn fetħa importanti għall-esportazzjonijiet tagħhom, iżda ħoloq ukoll il-kondizzjonijiet għal devjazzjoni enormi tal-kummerċ tal-azzar mill-Istati Uniti tal-Amerika lejn il-Komunità Ewropea ("il-Komunità"). Huma sostnew li l-azzar destinat għall-Istati Uniti tal-Amerika ser ikun ridirett lejn il-Komunità. Dan jista' jwassal għal żieda drastika fuq il-livelli diġà għoljin ta' importazzjonijiet bi prezz baxx, b'detriment ulterjuri għas-suq tal-azzar tal-Komunità li kien diġà milqut minn żidiet fl-importazzjonijiet preċedement b'riskju ta' preġudizzju serju għal-produtturi tal-Komunità.
- (3) L-Istati Membri interessati għarrfu li l-produtturi tal-Komunità kienu sottomettew informazzjoni rilevanti u rrikjedew li jkunu addottati miżuri ta' salvagwardja tal-Komunità b'urġenza minħabba li kwalunkwe dewmien fl-addozzjoni tagħhom jista' jikkawża danni li diffiċilment ikunu jistgħu jiġu evitati.
- (4) Il-Kummissjoni informat l-Istati Membri kollha bis-sitwazzjoni u ikkonsultathom dwar it-termini u l-kondizzjonijiet tal-importazzjonijiet, it-tendenzi tal-importazzjonijiet u l-preġudizzju serju jew it-theddida ta' preġudizzju għal kull settur ikkonċernat, u l-aspetti varji tas-sitwazzjoni ekonomika u kummerċjali rigward il-prodotti tal-Komunità in kwistjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 349, 31.12.94, p. 53.⁽²⁾ ĠU L 286, 11.11.00, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 67, 10.03.94, p. 89.⁽⁴⁾ ĠU L 159, 03.06.98, p. 1.

- (5) Fit-28 ta' Marzu 2002, il-Kummissjoni tat bidu għal investigazzjoni dwar il-preġudizzju serju jew it-theddida ta' preġudizzju fuq il-produtturi Komunitarji ta' prodotti bħal jew li jikkompetu direttament ma' ċerti prodotti tal-azzar importati. Il-21 prodott tal-azzar koperti mill-investigazzjoni huma (1) *non-alloy hot-rolled coils*, (2) pjanċi u folji *non-alloy* u *hot-rolled*, (3) strixxi irqaq *non-alloy hot-rolled*, (4) prodotti ċatti *alloy* u *hot-rolled*, (5) folji *cold rolled*, (6) *electrical sheets* (minbarra dawk GOES), (7) folji miksija bil-metall, (8) folji b'kisi organiku, (9) prodotti stanjati, (10) pjanċi quarto, (11) *wide flats*, (12) *non-alloy merchant bars* u *light sections*, (13) *alloy merchant bars* u *light sections*, (14) *rebars*, (15) vireg *stainless* u *light shapes*, (16) *stainless wire rod*, (17) *stainless steel wire*, (18) *fittings* (< 609,6 mm), (19) *flanges* (minbarra dawk *stainless steel*), (20) pajpijiet tal-gass u (21) *hollow sections*.
- (6) Fl-istess jum, fuq il-bażi ta' informazzjoni miġbura u verifikata qabel il-bidu tal-investigazzjoni, kienu ordnati miżuri proviżorji fuq 15 mil-prodotti tal-azzar koperti mill-investigazzjoni. Dawn huma il-prodotti Numru 1, 2, 3, 4, 5, 6, 9, 10, 11, 12, 13, 14, 17, 18 u 19 imsemmija fil-premessi 5 hawn fuq.
- (7) Il-Kummissjoni għamlet investigazzjoni sħiħa rigward kull wieħed mil-21 prodott. Il-Kummissjoni avżat uffiċjalment lill-produtturi li jesportaw u l-importaturi kif ukoll lill-assoċjazzjonijiet li jirrappreżentawhom notorjament interessati, lir-rappreżentanti tal-pajjiżi esportaturi u l-produtturi tal-Komunità. Il-Kummissjoni baġtet kwestjonarji lil dawn il-partijiet kollha u lil dawk li mmanifestaw ruħhom fil-limitu ta' żmien stipulat fl-avviż tal-bidu. Skond l-artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 519/94 u l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3285/94 il-Kummissjoni tat ukoll lil partijiet direttament interessati l-opportunità li jagħmlu l-veduti tagħhom magħrufa bil-miktub u biex jitolbu seduta.
- (8) Ċerti produtturi li jesportaw, produtturi, importaturi u utenti tal-Komunità, l-assoċjazzjonijiet tagħhom, kif ukoll gvernijiet ta' pajjiżi terzi issottomettew kummenti bil-miktub. Il-partijiet interessati kollha li talbu seduta fil-limitu ta' żmien stabbilit u li indikaw li probabbilment kienu ser jintlaqtu mir-riżultat tal-proċeduri u li kien hemm raġunijiet partikolari għaliex għandhom jinstemgħu, ġew mogħtija tali seduta. Il-kummenti orali u bil-miktub sottomessi mil-partijiet ittieħdu in konsiderazzjoni biex jintlaħqu l-konklużjonijiet definittivi. Il-Kummissjoni talbet u iwwerifikat l-informazzjoni kollha li kkonsidrat meħtieġa bil-għan li ssir determinazzjoni definittiva. Saru żjarat ta' verifika fl-istabbilimenti ta' 30 produttur Komunitarju, 12-il produttur li jesporta u żewġ importaturi.
- (9) Ir-riżultati tal-investigazzjonijiet in relazzjoni mal-prodotti Numru 1, 2, 3, 4, 5, 18 u 19 huma mniżżla fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1694/2002 ⁽¹⁾ li imponiet miżuri ta' salvagwardja definittivi b'relazzjoni ma' dawk il-prodotti, filwaqt li dawk in relazzjoni mal-prodotti Numru 6, 7, 8, 11, 12, 13, 15, 16, 17, 20 u 21 huma mniżżla fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1695/2002 ⁽²⁾ li temm il-proċeduri ta' salvagwardja in relazzjoni ma' dawk il-prodotti, stabbilixxa sistema ta' kontroll ta' ċerti prodotti tal-azzar u provda għar-rifużjoni ta' ċerti dazji.
- (10) F'Settembru 2002, il-Kummissjoni rċeviet informazzjoni ġdida dwar il-prodotti Numru 9, 10 u 14, li kienu juru li t-tendenzi ta' importazzjoni għall-2002 kienu jidhru ferm ogħla minn dawk tal-2001, u li l-produtturi Komunitarji kienu qed isofru telf finanzjarju u tnaqqis fil-bejgħ fl-2002. Għalhekk, il-Kummissjoni ikkonsidrat li kien xieraq li jitkomplew l-investigazzjonijiet fuq dawn il-prodotti. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tat avviż fil-11 ta' Diċembru 2002 ⁽³⁾ li, fiċ-ċirkostanzi eċċezzjonali li kienu deskritti, il-limitu ta' żmien għal-konklużjoni tal-investigazzjonijiet ta' salvagwardja rigward dawk il-prodotti kien estiż mis-27 ta' Diċembru 2002 għas-27 ta' Frar 2003. Il-Kummissjoni ġabret u vverifikat iktar informazzjoni li kkonsidrat meħtieġa mil-produtturi Komunitarji u l-esportaturi lejn il-Komunità, u għamlet iktar żjarat ta' verifika fl-istabbilimenti ta' 14-il produttur Komunitarju. Dawk l-investigazzjonijiet huma issa kompluti, u r-riżultati in relazzjoni mal-prodotti Numru 9,10 u 14 huma mniżżla hawn taħt.

(1) ĠU L 261, 28.09.02, p. 1.

(2) ĠU L 261, 28.09.02, p. 124.

(3) ĠU C 308, 11.12.02, p. 37.

RIŻULTATI TAL-INVESTIGAZZJONIJIET

Prodott 9: Prodotti Stanjati*Prodott ikkonċernat*

- (11) Il-prodotti ikkonċernati huma ċerti prodotti *flat-rolled* tal-ħadid jew azzar *non-alloy*:
 — *f-coils*, mhux miksjja jew ikkowitzjati, mhux maħduma iktar milli *cold rolled*, jew
 — miksjja jew ikkowitzjati bil-landa, *chromium oxides* jew *chromium* u *chromium oxides*, miżbugħa, ivverniċjati jew miksjja bi plastiks, jew ċerti sostanzi oħrajn.
- (12) Il-prodotti ikkonċernati (hawnhekk iżjed il quddiem msejħa “prodotti stanjati”) huma attwalment klassifikabbli b’dawn il-kodiċi CN7209 18 99, 7210 11 10, 7210 11 90, 7210 12 11, 7210 12 19, 7210 12 90, 7210 50 10, 7210 50 90, 7210 70 31, 7210 90 33, 7211 23 51, 7212 10 10, 7212 10 91, 7212 10 93, 7212 10 99, 7212 40 10, 7212 40 95
- (13) Il-prodotti stanjati huma magħmula mil-*cold-rolling* ta’ pjanċi tal-ħadid jew azzar *non-alloy* u, skond il-każ, żebgħa, verniċjar jew kowting bil-landa jew materjali oħrajn. Dawn huma ġeneralment użati fil-produzzjoni ta’ bottijiet tal-landa u tipi oħrajn ta’ ippakkjar.

Żieda fl-importazzjonijiet

- (14) Il-Kummissjoni analizzat l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat tul il-perijodu mill-1997 għall-2001, f’termini assoluti u b’relazzjoni mal-produzzjoni destinata għal bejgħ u mal-produzzjoni Komunitarja totali inkluż l-użu vinkolat (“produzzjoni totali”). Il-Kummissjoni analizzat ukoll l-iżvilupp tal-importazzjonijiet fl-2002, kemm f’termini assoluti kif ukoll relattivi. It-tabella li ġejja turi dan l-iżvilupp għal kull sena mill-1997 sal-2001. Għal-2002, qed jidhru wkoll l-importazzjonijiet effettivi sa Ġunju flimkien ma’ stima għas-sena kollha.

Prodott Nru 9**Prodotti Stanjati***Konsum*

| | 1997 | 1998 | 1999 | 2000 | 2001 | 2002 Stima | 2002 Jannar sa Ġunju |
|-----------------------------|-----------|-----------|-----------|-----------|-----------|---------------|----------------------------|
| Volum (ftunnellati metriċi) | 3 947 987 | 4 147 807 | 3 932 959 | 4 249 024 | 3 889 003 | 4 006 821 | 2 109 939 |

| Data dwar l-importazzjoni | 1997 | 1998 | 1999 | 2000 | 2001 | 2002 Stima | 2002 Jannar sa Ġunju |
|---|---------|---------|---------|---------|---------|---------------|----------------------------|
| Volum (ftunnellati metriċi) | 338 999 | 479 313 | 616 680 | 536 302 | 524 836 | 547 780 | 299 709 |
| Rata ta’ żieda (f%) | | 41,4 | 28,7 | -13,0 | -2,1 | 4,4 | |
| Porzjon tas-suq (f%) | 8,6 | 11,6 | 15,7 | 12,6 | 13,5 | 13,7 | 14,2 |
| Proporzjon bejn importazzjoni u produzzjoni totali (f%) | 7,5 | 10,1 | 14,4 | 11,4 | 12,1 | 12,4 | 12,9 |
| Proporzjon bejn importazzjoni u prodotti mibjugħa (f%) | 7,5 | 10,3 | 14,5 | 11,5 | 12,2 | 12,6 | 13,2 |
| Unità ta’ Prezzijiet (fEUR/tunnellata metrika) | n/a | 583 | 539 | 676 | 596 | 550 | 557 |

| | 1998/1997 | 1999/1998 | 2000/1999 | 2001/2000 | 2002/2001 |
|---|-----------|-----------|-----------|-----------|-----------|
| Volum bħala medja (ftunnellati metriċi) | 409 156 | 547 997 | 576 491 | 530 569 | 536 308 |

- (15) L-importazzjoni tal-prodott ikkonċernat żdiedet bi 80 % f'termini assoluti bejn l-1997 u l-1999, iżda wara niżlet bi 15 % mill-1999 sal-2001. L-importazzjoni żdiedet b'4 % fl-2002. B'relazzjoni mal-produzzjoni totali u l-produzzjoni destinata għal-bejgħ, l-importazzjonijiet żdiedu minn xi 7.5 % fl-1997 għal madwar 14.5 % fl-1999. Dawn reġġu naqsu għal madwar 11.5 % fl-2000, qabel ma reġġu żdiedu fl-2001. Fl-2002, l-importazzjonijiet żdiedu kemm b'relazzjoni mal-produzzjoni totali kif ukoll mal-produzzjoni destinata għal-bejgħ, iżda baqgħet taħt il-livelli tal-1999.

Konklużjoni

- (16) Fid-dawl tat-tnaqqis ta' importazzjonijiet bejn l-1999 u l-2001, kemm f'termini assoluti kif ukoll relattivi, u minkejja ż-żieda fl-importazzjonijiet fl-2002, ma jistax ikun stabbilit li kien hemm żieda f'daqqa, għal għarrieda u sinjifikanti fl-importazzjonijiet fil-passat reċenti. Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li m'hemmx il-kondizzjoni bażika għall-addozzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja definittivi.

Prodott Nru 10: Pjanċi quarto

Prodotti ikkonċernati

- (17) Il-Prodotti ikkonċernati huma:

ċerti prodotti ċatti tal-ħadid jew azzar *non-alloy* li mhux miksija jew ikkowitzati, mhux *fcoils* u mhux maħduma iktar minn *hot rolled*:

- differenti minn dawk li għandhom forum ta' wisa' ta' 600 mm jew iktar u ħxuna ta' iktar minn 10 mm, attwalment klassifikabbli bħala kodiċi CN ex 7208 51 30 (kodiċi TARIC 7208 51 30 10), ex 7208 51 50 (kodiċi TARIC 7208 51 50 10), ex 7208 51 91 (kodiċi TARIC 7208 51 91 10), ex 7208 51 99 (kodiċi TARIC 7208 51 99 10), jew ta' wisa' ta' 2 050 mm jew iktar u ħxuna ta' 4,75 mm jew iktar iżda inqas minn 10 mm, attwalment klassifikabbli bħala kodiċi CN)ex 7208 52 91 (kodiċi TARIC 7208 52 91 10), jew
- ta' wisa' ta' 600 mm jew iktar, li mhux maħduma iktar minn *hot rolled*, attwalment klassifikabbli bħala kodiċi CN 7208 90 10 u 7208 90 90,

ċerti prodotti ċatti tal-ħadid jew ta' azzar *non-alloy* ta' wisa' ta' 600 mm jew iktar, miksija jew ikkowitzati, iżda mhux bil-landa, ċomb (inkluż *terne-plate*), żingu, *chromium oxides* jew *chromium* u *chromium oxides*, aluminju, jew miżbugħa, verniċjati jew miksija bi plastiks; li mhux arġentat, indurat, miksi bil-platinu jew żmaltat; mhux maħdum iktar minn trattat fil-wiċċ, inkluż ir-rivestiment, jew sempliċement maqtuġh f'forum li mhumiex rettangolari (inkluża l-forma kwadra), miksija (KEFA), attwalment klassifikabbli bil-kodiċi CN 7210 90 31, u

ċerti prodotti ċatti ta' azzar *alloy* (minbarra *stainless steel*), ta' wisa' ta' 600 mm jew iktar, li mhux azzar *silicon electrical* jew azzar *high speed*,

- mhux maħdum iktar minn *hot rolled*, mhux *fcoils*, bi ħxuna ta' iktar minn 4,75 mm (KEFA), attwalment klassifikabbli bħala kodiċi CN 7225 40 20 u 7225 40 50; u
- differenti minn mhux maħduma iktar minn *hot rolled* jew *cold rolled*; differenti minn miksija biż-żingu, mhux iktar maħduma minn trattati fil-wiċċ, inkluż kisi, jew sempliċement maqtuġh f'forum li mhux rettangolari (inkluża l-forma kwadra) (KEFA) attwalment klassifikabbli bħala kodiċi CN 7225 99 10.

- (18) Il-prodott ikkonċernat hu fabbrikat billi tkun irromblata pjanċa tal-azzar fuq l-erba' naħat. Dan jintuża f'bosta applikazzjonijiet, inkluż fil-bini ta' bastimenti, l-ingenierija u l-manifattura ta' tubi u pajpijiet.

Żieda fl-importazzjoni

- (19) Il-Kummissjoni analizzat l-importazzjoni tal-prodott ikkonċernat tul il-perijodu 1997 sal-2001, f'termini assoluti u relattivi għal-produzzjoni destinata għal-bejgħ u għal-produzzjoni totali Komunitarja inkluż l-użu vinkolat. ("produzzjoni totali"). Il-Kummissjoni analizzat ukoll l-iżvilupp tal-importazzjonijiet fl-2002, kemm f'termini assoluti kif ukoll relattivi. It-tabella li ġejja turi dan l-iżvilupp għal kull sena mill-1997 sal-2001. L-importazzjonijiet effettivi sa Ġunju tal-2002 qed jidhru flimkien ma' stima għas-sena kollha.

Prodott Numru 10**Pjanċi quarto***Konsum*

| | 1997 | 1998 | 1999 | 2000 | 2001 | 2002 Stima | 2002 Jannar sa Ġunju |
|-----------------------------|-----------|------------|-----------|-----------|-----------|---------------|----------------------------|
| Volum (ftunnellati metriċi) | 9 198 227 | 10 069 103 | 8 207 564 | 8 699 946 | 9 045 288 | 8 411 598 | 4 552 723 |

Data dwar l-importazzjoni

| Importazzjonijiet totali | 1997 | 1998 | 1999 | 2000 | 2001 | 2002 Stima | 2002 Jannar sa Ġunju |
|---|-----------|-----------|-----------|-----------|-----------|---------------|----------------------------|
| Volum (ftunnellati metriċi) | 1 811 787 | 2 285 468 | 1 423 355 | 1 173 890 | 1 715 357 | 1 453 445 | 775 131 |
| Rata ta' żieda (f%) | | 26,1 | -37,7 | -17,5 | 46,1 | -15,3 | -17,3 |
| Porzjon tas-suq (f%) | 19,7 | 22,7 | 17,3 | 13,5 | 19,0 | 17,3 | 17,0 |
| Proporzjon bejn l-importazzjoni u l-produzzjoni totali (f%) | 16,6 | 20,4 | 14,7 | 11,5 | 17,0 | 15,3 | 16,4 |
| Proporzjon bejn importazzjoni u l-produzzjoni mibjugħa (f%) | 19,7 | 24,3 | 17,9 | 13,3 | 19,7 | 18,1 | 19,3 |
| Unità ta' Prezzijiet (fEUR/tunnellata metrika) | 269 | 330 | 268 | 320 | 323 | 332 | 330 |

| | 1998/1997 | 1999/1998 | 2000/1999 | 2001/2002 | 2002/2001 |
|---|-----------|-----------|-----------|-----------|-----------|
| Volum bħala medja (ftunnellati metriċi) | 2 048 628 | 1 854 412 | 1 298 623 | 1 444 624 | 1 584 401 |

- (20) L-importazzjoni tal-prodott ikkonċernat żdiedet f'termini assoluti minn 1.8 miljun tunnellata metrika fl-1997 għal 2.3 miljun tunnellata metrika fl-1998, iżda naqset għal 1.2 miljun tunnellata metrika fl-2000, qabel ma reġgħet żdiedet għal 1.7 miljun tunnellata metrika fl-2001. Filwaqt li kien hemm żieda qawwija bejn l-2000 u l-2001, din iż-żieda trid tiġi ikkonsiderata fil-kuntest tal-importazzjonijiet li baqgħu taħt il-livelli tal-1997 u l-1998. L-importazzjonijiet huma stmati li ser jonqsu għal 1.5 miljun tunnellata metrika fl-2002.
- (21) L-istess tendenza tista' tkun osservata in relazzjoni mal-iżvilupp ta' kemm il-proporzjon tal-importazzjoni mal-produzzjoni totali kif ukoll l-importazzjoni mal-produzzjoni destinata għal-bejgħ.

Konklużjoni

- (22) Fid-dawl ta' l-iżvilupp tal-importazzjonijiet (u, in partikolari il-fatt li l-livelli ta' importazzjoni reċenti baqgħu inqas minn dawk tal-1997 u l-1998), ma jistax ikun stabbilit li hemm żieda f'daqqa, għal għarrieda u sinjifikanti fl-importazzjonijiet fil-passar reċenti. Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li ma teżistix il-kondizzjoni bażika għall-addozzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja definittivi.

Prodott Numru 14: Rebars*Prodott ikkonċernat*

- (23) Il-prodotti ikkonċernati huma vireg tal-ħadid jew azzar *non-alloy*, mhux iktar maħdum minn forġati, *hot rolled*, *hot drawn* jew *hot extruded*, iżda inklużi dawk milwija wara *r-rolling* u li fihom indentaturi, xquq jew deformazzjonijiet oħrajn prodotti waqt il-proċess ta' *rolling* jew milwija wara *r-rolling*. Il-prodott ikkonċernat huwa attwalment klassifikat skond il-kodiċi CN 7214 20 00 u 7214 99 10.

- (24) Il-Prodott ikkonċernat jiġi prodott bl-użu ta' *billets* (prodott nofsu maħdum) li huma *hot rolled* għad-djamentru meħtieġ. Jintuża primarjament għar-rinforzar fl-industrija tal-kostruzzjoni.

Żieda fl-importazzjonijiet

- (25) Il-Kummissjoni analizzat l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat tul il-perjodu 1997 sal-2001, f'termini assoluti kif ukoll relattivi għal-produzzjoni destinata għal-bejgħ u għal-produzzjoni Komunitarja totali inkluż l-użu vinkolat ("produzzjoni totali"). Il-Kummissjoni analizzat ukoll l-iżvilupp tal-importazzjoni fl-2002, kemm f'termini assoluti kif ukoll relattivi. It-tabella li ġejja turi dan l-iżvilupp għal kull sena mill-1997 għall-2001. L-importazzjonijiet effettivi sa Ġunju tal-2002 qed jidhru flimkien ma' stima għas-sena kollha.

Prodott Numru 14

Rebars

Konsum

| | 1997 | 1998 | 1999 | 2000 | 2001 | 2002 Stima | 2002 Jannar sa Ġunju |
|-----------------------------|------------|------------|------------|------------|------------|---------------|----------------------------|
| Volum (ftunnellati metriċi) | 11 343 116 | 11 879 644 | 13 101 025 | 12 866 281 | 13 227 634 | 13 680 979 | 7 134 912 |

Data dwar l-importazzjoni

| Importazzjonijiet totali | 1997 | 1998 | 1999 | 2000 | 2001 | 2002 Stima | 2002 Jannar sa Ġunju |
|--|---------|---------|-----------|-----------|-----------|---------------|----------------------------|
| Volum (ftunnellati metriċi) | 476 486 | 676 765 | 1 456 082 | 1 216 116 | 1 499 580 | 1 673 218 | 816 274 |
| Rata ta' żieda (f%) | | 42,0 | 115,2 | -16,5 | 23,3 | 11,6 | |
| Porzjon tas-suq (f%) | 4,2 | 5,7 | 11,1 | 9,5 | 11,3 | 12,2 | 11,4 |
| Proporzjon bejn importazzjoni u produzzjoni totali -tion | 4,1 | 5,8 | 11,9 | 10,0 | 11,9 | 13,3 | 12,8 |
| Proporzjon bejn importazzjoni u l-produzzjoni mibjugħa | 4,1 | 5,8 | 11,9 | 10,0 | 11,9 | 13,3 | 12,8 |
| Unità ta' Prezzijiet (fEUR/tunnellata metrika) | 223 | 224 | 213 | 247 | 249 | 248 | 240 |

| | 1998/1997 | 1999/1998 | 2000/1999 | 2001/2000 | 2002/2001 |
|---|-----------|-----------|-----------|-----------|-----------|
| Volum bħala medja (ftunnellati metriċi) | 576 626 | 1 066 424 | 1 336 099 | 1 357 848 | 1 586 399 |

- (26) L-importazzjoni tal-prodott ikkonċernat żdiedet f'termini assoluti minn 0.5 miljun tunnellata metrika fl-1997 għal 1.5 miljun tunnellata metrika fl-1999, naqseq għal 1.2 miljun tunnellata metrika fl-2000 qabel ma reġgħet kienet 1.5 miljun tunnellata metrika fl-2001. Il-proporzjon tal-importazzjonijiet mal-produzzjoni totali u l-importazzjonijiet mal-produzzjoni destinata għal-bejgħ żdiedet bl-istes mod f'dan il-perjodu. L-importazzjonijiet żdiedu għal 1.7 miljun tunnellata metrika fl-2002.

Preġudizzju serju

- (27) Il-Kummissjoni eżaminat jekk il-produtturi Komunitarji ġarrbux preġudizzju serju minħabba ż-żieda tal-importazzjonijiet. Fil-perjodu mill-1997 sal-2001, u l-andament fl-2002, kien osservat dan li ġej:

- il-kapaċità naqset ftit minn 18.8 miljun tunnellata metrika fl-1997 għal 18.2 miljun tunnellata metrika fl-2001, u baqgħet 18.2 miljun tunnellata metrika fl-2002,

- Il-produzzjoni żdiedet bi 8 % tul il-perjodu mill-1997 sal-2001 għal 12.6 miljun tunnellata metrika, u baqgħet stabbli (12.5 miljun tunnellata metrika) fl-2002,
- il-bjegħ fil-Komunità żdied b'9 % tul il-perjodu mill-1997 sal-2001, u laħaq it-12.7 miljun tunnellata metrika fl-2001. Il-bejgħ baqa' stabbli (12.8 miljun tunnellata metrika) fl-2002,
- il-prezz unitarju tal-bejgħ Komunitarju naqas f'it fl-1997 u l-1998 iżda wara kien hemm żieda regolari bi prezz ta' EUR 253/tunnellata metrika fl-2002, żieda komplessiva ta' 5 % fuq il-prezzijiet tal-1997. Fl-2002, il-prezzijiet għolew bi 2 % iktar għal EUR 258/tunnellata metrika,
- il-prezzijiet medji tal-importazzjonijiet ma niżlux taħt il-prezz medju tal-prodott Komunitarju la fl-2001 (-3.4 %) u lanqas fl-2002 (-0.6 %),
- il-profitt nett fil-bejgħ Komunitarju (%) żdied minn 0.5 % għal 3.5 % bejn l-1997 u l-2001, u reġa' żdied fl-2002 għal 4.6 %,
- Il-porzjon tas-suq tal-produtturi Komunitarji naqas minn 96 % għal 89 % bejn l-1997 u l-2001, u għal 88 % fl-2002.

Konklużjoni

- (28) Għalkemm il-produtturi Komunitarji soffrew tnaqqis fil-porzjon tas-suq fil-perjodu mill-1997 għal-2001, ikkonsidrat komplessivament, l-indikaturi ekonomiċi tas-sitwazzjoni tal-produtturi Komunitarji ma jurux deterjorament komplessiv sinjifikanti fil-pożizzjoni tagħhom. Fil-fatt, il-profittabilità u l-parti l-kbira tal-indikaturi l-oħrajn urew żvilupp pożittiv fil-perjodu l-aktar reċenti. Fl-2002, il-produtturi Komunitarji reġgħu tilfu porzjon tas-suq iżda l-proffittabilità u l-parti l-kbira tal-indikaturi l-oħrajn urew żvilupp, sabiex is-sitwazzjoni komplessiva tagħhom baqgħet orjentata pożittivament.
- (29) Filwaqt li jista' jkun raġonevolment argumentat li l-importazzjonijiet żdiedu b'mod li huwa għal għarrieda, qawwi u sinjifikanti, fid-dawl tan-nuqqas ta' deterjorament komplessiv sinjifikanti fis-sitwazzjoni tal-produtturi Komunitarji u l-iżvilupp pożittiv tal-parti l-kbira mill-indikaturi ta' preġudizzju fl-2001, tendenza li kiene konfermata fl-2002, il-Kummissjoni tikkonkludi li, ma teżistix il-kondizzjoni bażika għall-addozzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja definittivi.

KONSIDERAZZJONIJIET FINALI

- (30) Il-Kummissjoni tikkonsidra li, għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija, il-kondizzjonijiet għall-imposizzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja definittivi għal-prodotti Numri 9, 10 u 14 ma ntlahqax.
- (31) Il-proċeduri ta' salvagwardja għandhom għalhekk jintemmu rigward dawk il-prodotti. Għandu jkun hemm rifiżjoni ta' kwalunkwe dazji addizzjonali mħallsa b'relazzjoni ma' dawk il-prodotti skond id-dispożizzjonijiet proviżorji.
- (32) Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għas-sistema ta' sorveljanza retrospettiva stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1695/2002, li tikkonċerna wkoll il-prodotti Nru 9, 10 u 14,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-proċeduri ta' salvagwardja rigward il-prodotti Nru 9, 10 u 14, deskritti partikolarment fl-Anness 1, huma mitmuma.

Artikolu 2

Kwalunkwe ammonti mħallsa bħala dazji addizzjonali skond il-miżuri ta' salvagwardja proviżorji imponuti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 560/2002 ⁽¹⁾ in relazzjoni mal-prodotti Nru 9, 10 u 14, partikolarment deskritti fl-Anness 1, għandhom ikunu rifiżi kemm jista' jkun malajr.

Artikolu 3

L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkoperaw mil-viċin sabiex jiżguraw konformità ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 27 Jannar 2003.

Għall-Kummissjoni

Pascal LAMY

Membru tal-Kummissjoni

(¹) ĠU L 85, 28.03.02, p. 1.

ANNEX

| Prodotti Nru | Prodotti | CN codes |
|--------------|-------------------|--|
| 9 | Tin mill Prodotti | 7209 18 99, 7210 11 10, 7210 11 90, 7210 12 11, 7210 12 19, 7210 12 90, 7210 50 10, 7210 50 90, 7210 70 31, 7210 90 33, 7211 23 51, 7212 10 10, 7212 10 91, 7212 10 93, 7212 10 99, 7212 40 10, 7212 40 95 |
| 10 | Quarto plates | 7208 51 30, 7208 51 50, 7208 51 91, 7208 51 99, 7208 52 91, 7208 90 10, 7208 90 90, 7210 90 31, 7225 40 20, 7225 40 50 u 7225 99 10. |
| 14 | Rebars | 7214 20 00 u 7214 99 10 |